MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 184/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata nhar l-1 ta’ Novembru 1986, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok A;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, u effettivament huma ilhom isseparati legalment sa mill-5 ta’ Novembru 1997, skont ma jidher mill-kopja legali tal-kuntratt ta’ separazzjni personali hawn anness, esebita u mmarkata bhala Dok B, b’dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit ta’ l-Artikolu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi minn dan iz-zwieg kienu twieldu zewgt itfal, W u F ahwa Mansueto illi ghandhom 26 sena u 21 sena rispettivament. Iz-zewg ulied illum huma t-tnejn impjegati full time u ghalhekk m’huwa dovut l-ebda manteniment ghall-istess ulied;

Illi inoltre skont il-Kuntratt ta’ Separazzjoni Personali taghhom (Dok B) il-partijiet iddikjaraw illi huma kienu ddekadew mill-jedd taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi llum il-gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin u effettivament l-esponenti ilu f’relazzjoni ma terza persuna ghal dawn l-ahhar 14-il sena, b’dan illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. B’hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit ta’ l-Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi ghalhekk isegwi illi f’dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar l-1 ta' Novembru 1986, ai termini ta' l-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzjament ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikoli 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Mejju, 2014;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Novembru 1997;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------